**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 ta' Jannar, 2023

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Ryan Debattista, ta' nazzjonalità Maltija, iben Glenn Debattista u Theresa Debattista nee` Cordina, imwieled il-Pietà nhar it-13 ta' Jannar 1991, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 73791M u residenti fl-indirizz Flat 2, "Gleneagles", San Pawl tal-Qliegħa, Mosta;** u

**Nicolè Bezzina ta' nazzjonalità Maltija, bint Noel Bezzina u Helen Bezzina nee` Grima, imwielda l-Pietà nhar is-16 ta' Mejju 1995, detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 211195M u residenti fl-indirizz Flat 2, "Gleneagles", San Pawl tal-Qliegħa, Mosta.**

*Kumpilazzjoni Nru. 321/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputati **Ryan Debattista u Nicole Bezzina** u ċioe` talli:[1]

> F'dawn il-Gżejjer u/jew barra minn dawn il-Gżejjer, fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. Talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji,

[1] Fol.2-5

jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq għad-detriment ta' Kane Debattista Bezzina u/jew persuni u/jew entitajiet oħra, liema ammont ta' ħsara jammonta għal aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000);

2. U aktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, għamlu xi qliegħ b'qerq għad-detriment ta' Kane Debattista Bezzina u/jew persuni u/jew entitajiet oħra, liema ammont ta' ħsara jammonta għal aktar minn ħamest elef Ewro (€5,000);

3. Għamlu atti ta' *money laundering* billi:

   i. Ikkonvertew jew ittrasferixxew proprjetà meta kienu jafu jew jissusspettaw li dik il-proprjetà kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta', attività kriminali jew ta' att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali, għall-iskop jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra tal-oriġini tal-proprjetà jew tal-għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew konċernati f'attività kriminali;

   ii. Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra l-vera xorta, provvenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjetà, meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprjetà kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

   iii. Akkwistaw, ippossedew, jew użaw proprjetà meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-proprjetà kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

   iv. Irritjenew mingħajr skuża raġonevoli proprjetà kien jafu jew jissuspettaw li dik il-proprjetà hija miksuba jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;

   v. Ittantaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

   vi. Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir tal-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-subparagrafi (i), (ii), (iii) u (iv) tal-Artikolu 2 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta);

**Lil Ryan Debattista waħdu ukoll:**

4. U aktar talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħud b'qerq, jew akkwistat b'reat, sew jekk dan sar

f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jista' jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;

5. Talli fl-istess żmien, lok, u ċirkostanzi, kiser l-ordni ta' probation għal sentejn maħruġ mill-Qorti Kriminali mis-sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Jannar 2021 jekk kif ippreseduta mill-Onor. Imħallef Edwina Grima LL.D.

Rat l-Ordni tat-12 ta' Diċembru, 2022, mogħti mill-Avukat Ġenerali ai termini tas-subartikolu (2A)(b)(c) tal-Artikolu 3 tal-*Att kontra l-Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex dan il-każ jiġi trattat u deċiż quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;[2]

Rat in-Nota ta' l-Avukat Ġenerali tat-12 ta' Diċembru, 2022, permezz ta' liema bagħtet lill-imputati biex jiġu ġġudikati minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

Kontra **Ryan Debattista u Nicolè Bezzina** **<u>flimkien</u>**:

1. Fl-Artikoli 18, 308, u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Fl-Artikoli 18, 309, u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Fl-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità (Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. Fl-Artikoli 17, 18, 20, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

kontra **Ryan Debattista** **<u>waħdu</u>**:

5. Fl-Artikolu 334(a), (b), u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

6. Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

7. Fl-Artikoli 7, 21(1), 21(2), 21(3), 21(4), u 23 tal-Att dwar il-*Probation* (Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta);

8. Fl-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità (Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta);
9. Fl-Artikoli 17, 18, 20, 23A, 23B, 23Ċ, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

---

[2] Fol.539

Rat li fl-istess seduta, għal kull buon fini, l-imputati ħadu konjizzjoni tal-kontro-ordni mibgħut mill-Avukat Ġenerali;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Diċembru, 2022, l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom;

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 370(6) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputati wieġbu li huma ħatja għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom, din il-Qorti wissiethom b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ngħataw żmien xieraq sabiex jekk riedu jerġaw lura minnha.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u għaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tagħhom, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet kollha kif minnhom ammessi.

L-imputat **Ryan Debattista** ammetta wkoll il-ħames (5) imputazzjoni, ċioe` dik ta' ksur ta' ordni ta' *probation* li ngħatat mill-Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima nhar is-6 ta' Jannar 2021, skond kif turi is-sentenza esibita fejn jirrizulta li l-ordni kellha terminu operattiv ta' sentejn (2).[3]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Nicholai Azzopardi** l-Qorti tal-Appell Kriminali tenniet li f'każ ta' ksur ta' ordni ta' probation, Qorti għandha titratta mal-imputat għal tali ksur:[4]

> 3. L-artikolu 23 (1) u (3) tal-Kapitolu 446 jipprovdi espressament ghal kull wahda minn dawn is-sitwazzjonijiet meta jghid:
>
> 23.(1) Jekk persuna li fil-każ tagħha jkunu saru xi sanzjoni komunitarja jew ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, sussegwentement tinħareġ fir-rigward tagħha dikjarazzjoni ta' ħtija minn jew

[3] **Dok.TF2**
[4] Per Onor. Imħallef Dr. Giovanni Grixti, Deċiza 1 ta' Novembru, 2021

quddiem xi qorti dwar reat li jkun sar matul ilperjodu ta' probation jew matul il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, il-qorti –

(a) jekk tkun l-istess qorti li tkun għamlet l-ordni ta' probation, l-ordni ta' servizz fil-komunità, l-ordni ta' probation u servizz jew l-ordni għal liberazzjoni kondizzjonata, **<u>tista'</u>** tittratta lil dik il-persuna għar-reat li dwaru tkun saret dik l-ordni b'kull mod li tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat;" u ....

4. Issa, kif tajjeb jargumenta ukoll l-Avukat Generali dwar l-artikolu 23(1)(a), l-ewwel Qorti ma kellhiex ix-xelta titrattax jew le mal-hati ghal-ksur tal-ordni ta' probation ghaliex il-kelma "tista" f'dak il-kaz mhix wahda fakoltattiva izda tfisser biss li l-Qorti ghandha **<u>s-setgha</u>** li titratta mieghu. Dan l-argument illum il-gurnata huwa ezawrit u ma hemm l-ebda lok ghal kunsiderazzjonijiet diversi minn dawk maghmula mill-Qrati fosthom dik **Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi** (App Krim 549/2010; ....

Illi għalhekk ai termini tal-artikolu 23(1)(b) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed tibgħat lill-imputat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex dik il-Qorti tista' tittratta mal-imputat għar-reat li dwaru saret l-ordni skond kif provdut bl-istess artikolu.

**IL-PIENA**

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati serji li dwarhom qed tinstab ħtija, reati li jisfruttaw il-ġenerożità ta' min ħenn u wera altruwiżmu bla limitu, ta' min xejn ma ħaseb jew ittittuba qabel ma nieda ġabriet biex jagħti għajnuna lil tifel ċkejken u lill-familtu li, f'għajnejh, kienu għaddejjin minn saram mill-aktar krudili. Minflok ma l-imputati apprezzaw dawn il-ġesti nobbli, bla mistħija u wara li qarrqu b'kulħadd, berbqu frott l-għaraq ta' sħabhom u tal-pubbliku in ġenerali biex iffinanzjaw il-vizzju tagħhom għal-logħob, vizzju li kull ma ġabilhom kien telf. Il-Qorti qieset ukoll dak li stqarrew rappreżentanti ta' Puttinu Cares meta xehdu li minkejja kollox, it-tifel kien kurat u miżmum tajjeb mill-ġenituri tiegħu tant li inkwantu għal kura ta' binhom, ġabu wriehom b'mod eżemplari fejn tawh l-kura medika kollha biex illum jinsab mfejjaq u qed ikompli jagħmel progress.[5]

Il-Qorti tistenna li minn issa l-quddiem din il-koppja tgħix hajja eżemplari bħala ġenituri fit-trobbija ta' binhom fejn ser ikollha teżerċita kawtela kbira tul iż-żmien li ser ikun fis-seħħ l-ordni ta' superviżjoni fuqhom impost biex ma jxellfux difrejhom mal-Liġi; f'liema każ Qorti tiġi kostretta titratta magħhom għar-reati serjissimi (senjatament dak ta' frodi kif kontemplati fil-Kodiċi Kriminali) li tagħhom qed jinstabu ħatja.

[5] Fol.420

Ittieħed kont tal-fatt li l-imputat għandu fedina penali mtappna w mżewwqa filwaqt li l-fedina penali tal-imputata hi waħda netta. Ma setgħax jonqos li jiġu ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ u senjatament li dan hu każ ta' *self-laundering* fejn irriżulta li l-ammont ta' qliegħ frawdolenti**, rikavat mir-reat sottostanti,** perċepit mill-imputati kien dak ta' €35,000; **l-istess ammont li ġie riċiklat** iżda li ma rrendiex xi gwadann, qliegħ jew profitti ulterjuri, anzi l-imputati tilfu dak kollu li kienu iggwadanjaw mir-reat ta' frodi. B'hekk **rikavat mill-ħasil ta' flus** f'dan il-każ ma kienx hemm.

Ġie ikkunsidrat li l-imputazzjoni numru tnejn (2) ingħatat bħala imputazzjoni alternattiva għall-ewwel (1) imputazzjoni w għaldaqstant il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni:

Fil-konfront ta' **Nicolè Bezzina,** wara li rat l-artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 17, 18, 20, 31, 308 u 310(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibha ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha w bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-*Probation* Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tpoġġiha taħt ordni ta' *probation* għal **tlett snin (3)** millum, liema ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza kif ukoll għal *multa* ta' **għoxrin elf (€20,000) ewro.**

Fil-konfront ta' **Ryan Debattista**, wara li rat l-artikolu 3 tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 17, 18, 20, 31, 49, 50, 308, 310(1)(a) u 334 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu w bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Att dwar il-Probation Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tpoġġih taħt ordni ta' probation għal **tlett (3) snin** millum, liema ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza kif ukoll għal *multa* ta' **tletin elf (€30,000) ewro.**

Inoltre` ai termini tal-Artikoli 23B(1) u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-ammont ta' **ħamsa u tletin elf ewro (€35,000)** rappreżentanti r-rikavat tal-frodi, ir-reat sottostanti, jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta fl-ammont ta' **sbatax il-elf u ħames mitt ewro** (€17,500) mingħand kull imputat.[6]

[6] Dispożizzjoni tassattiva li tipprovdi: Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 il-qorti **għandha**, b'żieda ma' kull kastig li jista' jingħata b'sentenza min jinsab ħati ta' reat rilevanti….. tordna l-konfiska

Bl-applikazzjoni tal-Artikoli 23B(2) u 23Ċ(4) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, f'każ li r-rikavat li jkun ġej mir-reat ikun ġie mberbaq, jew għal xi raġuni oħra li tkun ma jkunx possibbli li jiġi identifikat u konfiskat kull tali rikavat, jew li tiġi ordnata l-konfiska ta' dik il-proprjetà li jkollha l-valur tagħha jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat, l-imputati għandhom iħallsu *multa* ta' **sbatax il-elf u ħames mitt ewro (€17,500)** kull wieħed, liema *multa* tekwivali għall-ammont tar-rikavat mir-reat tal-frodi.

Dik il-*multa* tkun tista' tiġi rkuprata bħala dejn ċivili w is-sentenza tal-Qorti tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Inoltre` tordna l-**konfiska** favur il-Gvern ta' Malta tal-propjetà mobbli w immobbli tal-imputati kif stipulat fl-Artikolu 3(5) tal-Att Kontra *Money Laundering,* Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll bl-artikoli 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta w fl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Att Kontra l-*Money Laundering*, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.[7].

Il-Qorti spjegat lill-ħatja l-konsegwenzi jekk jikkommettu reat ieħor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwux id-direttivi li se jingħatawlhom fil-perjodu ta' superviżjoni, liema direttivi għandhom jinkludu projbizzjoni milli javviċinaw kwalsiasi ħwienet fejn isir il-logħob/*betting* (inkluż dawk liċenzjati) u kwalunkwe korsa jew tiġrijiet taż-żwiemel f'Malta jew Għawdex kif ukoll li ma jippartecipawx f'*online gaming*.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qegħda tpoġġi lill-ħatja taħt Ordni ta' Trattament għal żmien tlett (3) snin sabiex jingħataw l-għajnuna meħtieġa sabiex jegħlbu l-vizzju tal-logħob. Dan l-ordni qed jiġi anness ma din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Dipartiment tal-Probation u l-Parole.

Inoltre tordna wkoll li din is-sentenza tiġi notifikata lil Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

---

favur il-Gvern tar-rikavat li jiġi mir-reat jew dik il-propjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat.....

[7] Vide **Il-Pulizija vs Doris (Maria Dolores) Borg**, Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D., Deċiża 26 ta' Novembru 2021 Appell Nru: 178/2018. Vide ukoll **Il-Pulizija vs Brian Buttigieg et**; Per Onor. Imħallef Dr. Aaron Bugeja, Deċiża 25 ta' Frar, 2020; Appell Nru. 276 tal-2017.

Finalment tibgħat l-atti flimkien ma kopja ta' din is-sentenza lir-Reġistratur tal-Qorti tal-Appell Kriminali kif kontemplat bl-artikolu 23(1)(b) tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**

**NOTIFIKA: Reġistratur, Qorti tal-Appell Kriminali**
**Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi**
**Dipartiment Probation & Parole**